MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru. 1002/2003

**Il-Pulizija**
**(Spt. Paul Bond)**
**vs**
**Carmelo sive Charles Zammit**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmelo sive Charles Zammit**, iben Saviour u Antonia nee' Gauci, mwieled Mellieha nhar is-27 ta' Jannar, 1955, residenti gewwa 'Mauro Flats' flt 1, Triq tas-Salib, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 135255(M);

Talli fl-10 ta' Marzu, 2003, ghall-habta ta' bejn is-7.00 a.m u s-7.30 a.m, waqt li kont qieghed isuq xarabank li ggib in-numru ACY-866 go Misrah l-Indipendenza, Mosta, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, lqatt lil Victoria Sciberras u

kkagunajtilha offizi ta' natura gravi billi kkagunajtilha debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti ta' gisimha, jew gibt difett permanenti f'parti tal-ghamla ta' gisimha u dan kif iddikjara t-tabib Malcolm Borg ta' l-Isptar San Luqa;

u aktar talli fl-istess data, lok u hin u bl-istess cirkostanzi, kkagunajt hsara fuq karozza li ggib numru ABI-601 t'ghamla u dan ghad-dannu tal-istess Victoria Sciberras. U talli soqt l-istess xarabank b'manjiera traskurata u perikoluza.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna, tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja tas-sewqan kollha tieghu jew milli jottjeni xi licenzja ohra ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena..

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta' impatt bejn "coach" misjuq mill-imputat u vettura li kienet ipparkjata u bhala rizultat tal-istess, Victoria Sciberras sfat paralizzata minn qaddha 'l isfel b'mod irriversibbli.  Dwar dawn il-griefi ma hemmx x'jinghad hlief li huma kawza diretta tal-incident u li huma pruvati fil-grad rikjest mil-ligi;  Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-coach misjuq mill-imputat kien gej mid-direzzjoni ta' Ta' Qali sejjer lejn il-Belt Valletta.  Hekk kif wasal f'dik il-parti tat-triq li taghti sia ghac-centru tal-Mosta, jekk tibqa' sejjer dritt kif ukoll ghall-Triq Indipendenza jekk tikser fuq il-lemin, l-imputat fil-fatt kiser fuq il-lemin tieghu, dahal fi Vjal Indipendenza biex jipprocedi lejn id-direzzjoni tal-Belt. Malli hareg mill-manuvra tal-liwja fuq il-lemin, beda jipprocedi fid-dritt u fuq ix-xellug tieghu kien hemm il-vettura ABI  601 Volkswagen Polo (two door) li ukoll

kienet qed thares lejn id-direzzjoni tal-Belt. Din kienet ipparkjata fil-“parking bay” man-naha tad-dar fejn toqghod Victoria Sciberras.  Wara li halla din il-vettura warajh, l-imputat hares mill-mera u ra l-bieba tal-bagoll ta’ wara miftuha u ghalhekk waqaf u nizel biex jaghlaq il-bieba meta allura ra lill-kwerelanta mal-art u l-bieba tal-karozza taghha mqaccta. Sabiex din il-Qorti tiddeciedi jekk kienx hemm in-nuqqasijiet da parti tal-imputat kif ravvizati fic-citazzjoni in dizamina hemm biss, bazikament, il-verzjoni tal-imputat ghaliex kawza tal-incident, il-kwerelanta ma tiftakar xejn hlief dak li huwa riprodott hawn isfel.

**Victoria Sciberras** xehedet f’zewg okkazzjonijiet, l-ewwel darba quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti kif jirrizulta ta’ fol 80 u 82 tal-process.  Hija qalet li ghal-habta tas-7.00am harget mid-dar biex tmur ix-xoghol u harget il-karozza ta’ huha li kienet ipparkjata quddiem taghha fid-driveway.  Din hija l-vettura msemmija fl-akkuza bhala dik danneggjata.  Kull ma tiftaker Victoria Sciberras hu li harget il-karozza ta’ huha u ipparkjatha go parking bay li aktar tard irrizulta li huwa quddiem id-dar u man-naha tad-dar fejn toqghod. Hija eskludiet li wara li ipparkjat il-vettura regghet dahlet fiha got-triq izda harget mill-karozza wara li ipparkjataha.   Quddiem il-Qorti, Victoria Sciberras ikkonfermat il-verzjoni precedenti taghha u spjegat il-feriti gravi li garrbet.

**Carmelo Zammit**, l-imputat, xehed illi dakinhar kien beda xoghol fis-6.30am u kien qed jigbor  it-tfal ghall-iskola ta’ St. Martin  fl-Iswatar.  Huwa spjega li kif kiser ghall-Triq l-Indipendenza wara li kien ceda ghal xi vetturi u xarabank ra vettura ipparkjata fuq ix-xellug tieghu wiccha lejn il-Belt. Fin-nofs ta’ din il-vettura ra mara bil-wieqfa u hasibha ser taqsam.  Wara li hares mill-mera ra l-bieba tal-bagoll miftuha u, kif fuq spejgat, malli nizel jghalaqha ra lil Victoria Sciberras mixhuta mal-art (ara fol 68).  Quddiem din il-Qorti, l-imputat zied jghid illi meta nduna b’Sciberras huwa flashja d-dawl tal-bus tieghu.

Is-suspett li gie f’kull minn  kellu konnesjoni ma’ dan l-incident hu li l-imputat kien qed isuq bil-bieba tal-bagoll tal-genb tax-xellug miftuh u b’hekk laqat lill-Sciberras

meta din kienet hdejn il-vettura li kienet ghadha kemm ipparkjat. Il-Qorti ghamlet il-verifiki taghha permezz ta' diversi accessi u nomina ta' perit espert u jirrizulta illi l-coach in kwistjoni ghandu sistema ta' apertura kwantu il-bagolli li meta dawn, ghal-xi raguni jinfethu, volontarjament jew bi zball, dawn huma mghammra b'tensioners li jzommu l-bieba 'l isfel kwazi f'posizzjoni mghaluqa. Sabiex tolza l-bieba jehtiega forza u malli tinfetah cirka tnax-il pulzier 'l barra, it-tensioner jibqa jiftah il-bieba sakemm din tispicca parallella mat-twieqi. Kien accertat illi anke jekk issir hsara fis-sallaturi il-bieba tibqa' 'l isfel u mbexxqa mal-genb fil-coach. Ir-ritratti dokumenti 03 ASH 106, 107 u 108 lkoll juru l-bieba tal-coach mdendla vertikalment wara l-incident. B'hekk kien eskluz li l-imputat seta kien qed isuq bil-bieba tal-bagoll tperper u l-Qorti mghandiex dubbju dwar dan ghaliex li kieku kienet miftuha b'mod orizzontali, din kienet tahdem bhal xafra u tqatta kull ma jigi fid-direzzjoni taghha. Certu Mario Frendo li kien qed isuq wara l-coach ikkonferma lill-din il-Qorti illi kemm kien ilu jsuq wara l-coach huwa qatt ma ra il-bieba tal-bagoll miftuha. Is-Sur Frendo ikkonferma ukoll li hu ra l-incident kollu u hawn ikun opportun li tkun riprodotta x-xhieda tieghu li tinsab a fol 71 u 72.:

"Jiena dalghodu ghal habta tas-07.15 kont wara coach abjad gewwa main Street dehlin il-Mosta. Jiena waqaft wara l-coach qabel ma qbadna Triq l-Indipendenza li kienet fuq il-lemin taghna. Ftit wara qbadna Triq l-Indipendenza. Dan il-hin kollu kont gewwa vettura wara l-coach. Nghid li jien kont daqsxejn 'il wara u stajt nara x'gara. Mal-bankina fuq ix-xellug kien hemm karozza pparkjata. Hdejha kien hemm mara. Din kienet bil-wieqfa hdejn il-bieba tax-xufier tal-karozza. Dak il-hin ghadda l-coach minn hdejha. Jien smajt il-hoss tad-daqqa. Jien waqaft mal-ewwel u rajt il-mara ma' l-art fit-Triq. Rajt il-bieba tal-karozza miftuha u mqaccta u rajt il-bieba tal-coach miftuha. Jiena fl-ebda hin qabel l-incident ma rajt il-bieba tal-coach miftuha jew tperper. Jien waqaft wara l-karoza u nzilt naghti l-ghajjur. Il-vittma kienet mimduda rasha lejn il-bankina u rasha kienet bejn il-line (parking bay) u t-triq. Hi kienet wiccha 'l isfel. Hi qalet li beda jwegghaha halqha. Xi nies poggewlha xugaman taht

wiccha izda baqghet thares wiccha 'l isfel. Ma' l-art kien hemm hafna frak. Il-coach kien fid-dawra u kien ghadu jaqla' Ma kienx ghaddej b'xi velocita' eccessiva. Jien ma tajt nara l-mara tintlaqat u dan peress li jien kont qed nimmanuvra dak il-hin biex nidhol gewwa Triq l-Indipendenza. …"

Issa ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-imputat ma kienx qed isuq bil-bieba tal-bagoll miftuha b'mod orizzontali u jehtieg li tkun ezaminata ipotesi ohra u cioe' li l-imputat seta ma halliex bizzejjed spazju bejn il-coach u l-vettura meta ghadda minn ma' genbha. Dwar dan, irid jinghad illi malli l-coach ghadda minn hdejn Victoria Sciberras sia din tal-ahhar sfat imtajra kif ukoll tqacctet il-bieba tal-vettura Polo. Dan jista' jfisser hafna affarijiet u mill-evidenza migjuba fid-diversi accessi jista' jkun li kienet Victoria Sciberras li fethet il-bieba ghal fuq il-coach fejn allura setghet qarset ix-xifer tal-bieba tal-bagoll li spiccat tinfetah minhabba li jkun infetah il-lock bl-impatt. Din il-Qorti hi tal-fehma li f'xi hin jew iehor il-bieba tal-Polo kienet miftuha u jkun rilevat illi din il-bieba hija wahda akbar minn ta' vettura "four door" u li din ma kienitx il-vettura tal-vittma izda il-vettura ta' huha u b'hekk setghet ikkalkolat hazin meta fethet il-bieba, jew kellha l-bieba miftuha lest biex tinghalaq wara li harget minnha.

Mill-accessi mizmuma jirrizulta illi f'xi hin iz-zewg bibien gew in kuntatt ma' xulxin, izda stranament, minkejja li l-bieba tal-coach garrbet hsaret, il-parti tal-coach fejn tghalaq il-bieba ma garrbet ebda hsara. Dan jeskludi l-possibilita li l-bieba tal-Polo setghet fethet dik tal-coach. Dan jista' ukoll jkun indikattiv li meta sar l-impatt bejn iz-zewg bibien, dik tal-coach kienet gia miftuha . Anqas ma jista' jkun accertat jekk Victoria Sciberras kienet qed tistenna wara l-bieba tal-Polo biex jghaddi l-coach jew kienitx quddiem il-bieba parzjalment miftuha. L-istess ma jistax ikun accertat jekk l-incident sehhx minhabba li Victoria Sciberras hassha mifxula meta ghadda vicin taghha l-coach. Jista jkun ukoll illi proprju meta l-coach wasal hdejn Sciberras infethet il-bieba tal-bagoll u bejn il-bieba mbexxqa tal-coach u dik tal-Polo , seta sar impatt bejnithom.

Il-Qorti tista’ tibqa’ taghmel numru ta’ ipotesi izda f’kawza ta’ natura kriminali jehtieg li Qorti tkun konvinta mil-htija tal-imputat ‘l hinn minn kull dubju. Fil-kaz in dizamina ma jirrizultax li l-imputat kien traskurat u negligenti b’mod illi kien jaf li kellu l-bagoll miftuh waqt li kien qed isuq. Jekk dan il-bagoll infetah meta avvicina lill-Victoria Sciberras u sar l-impatt proprju f’dak il-mument, allura l-imputat zgur li mghandux iwiegeb quddiem din il-Qorti.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------